MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1062/2001/1

**Citazzjoni Numru :1062/01 GC**

**Vassallo Brothers Limited**

**vs**

**Victor u Rose konjugi Zammit**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici premettiet:-

Illi permezz ta' kuntratt t'appalt datat 24 ta' Frar 1993, il-konvenuti konjugi Zammit inkarigaw lis-socjeta attrici " to

carry out structural works at San pawl Tat-targa" ai termini ta' "attached works formulated by Attard & Delia Architects that need to be carried out as described for the sums and rates specified," fil-fond Plot 8, Triq Jena Houel, Birguma, San Pawl Tat-Targa, liema fond huwa di proprieta' tal-konvenuti konjugi Zammit (Dok. VBL );

Illi l-valur ta' dawn ix-xogholijiet ta' konstruzzjoni esegwiti mis-socjeta attrici fil-fond di propjieta tal-konvenuti konjugi Zammit fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti konjugi Zammit, hekk kif irrizulta wara l-esekuzzjoni ta' l-istess xoghlijiet ta' kostruzzjoni , jammonta ghal mitejn u wiehed elf u tlett mija u tmienja u sittin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm201,368.75);

Illi l-konvenuti konjugi Zammit ghamlu pagament akkont ghal-valur komplessiv ta' mija erbgha u disghin elf u hamses mitt Liri Maltin (Lm194,500);

Illi llum is-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenuti konjugi Zammit fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u tmienja u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,868.75), rappresentanti r-rimanenti bilanc (Dok. VBL 2);
Illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Zammit u fil-fehma tas-socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta attrici, il-konvenuti konjugi Zammit ma ghandhomm ebda eccezzjoni xi jressqu t-talba atrici ghal hlas ta' l-imsemmi ammont, Dok VBL 3;

Illi nonostante diiversi talbiet ghal hlas il-konvenuti konjugi Zammit baqghu inadempjenti u ma hallsux;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvneuti konjugi Zammit jghidu ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentanza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta'l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundannhom jhallsu lis-socjeta attrici is-somma ta’ sitt elef tmien mija u tmienja u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,868.75) bilanc minn somma akbar rapprezentantii l-valur ta’ xoghlijiet ta’ kostruzzjoni esegwiti mis-socjeta attrici fil-fond di proprieta’ tal-konvenuti konjugi Zammit fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti konjugi Zammit;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta’ Lulju 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew nggunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarrazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit fl-ewwel lok illi l-ammont mitlub mill-atturi ma huwiex dovut mill-konvenuti billi s-somma mitluba hi bbazata fuq kalkolazzjonijiet sbaljati kif ukoll minn xi pagament li ma gewx inkluzi fir-rendikont tal-ammmoni bilancjali u fit-tieni lok illi skond rendikont fil-pussess tal-konvenuti u preparat mill-atturi stess jirrizulta li il-konvenuti halsu aktar milli dovut minnhom u jirrizervaw ghalhekk id-dritijiet taghom ghar-refuzjoni tal-ammont mhallas indebitament u gfhalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbasl tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li l-konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn ta' dak li gie minnhom allegat fin-nota ta' eccezzjoni jiet u dan nonostante li nghataw kull opportunita' li jghamlu dan;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lkis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef tmien mija u tmienja u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,868.75) bilanc minn somma akbar rapprezentantii l-valur ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni esegwiti mis-socjeta attrici fil-fond di proprieta' tal-konvenuti konjugi Zammit fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti konjugi Zammit u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------